MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 08 ta' Lulju, 2002

Talba Numru. 578/2002/1

Avviz Numru 578/02AJD
Paul u Mary Anne konjugi Spiteri

vs

Reginiano u Mary konjugi Caruana

It-Tribunal,

Ra l-Avviz prezentat fil-11 ta’ Marzu 2002 fejn l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuhom is-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) stante li l-istess konvenuti kienu debituri taghhom ghal dan l-ammont, rapprezentanti depozitu fuq konvenju illi l-konvenuti ammettew li kellhom ihallsu lura lill-atturi.
Bl-ispejjes u bl-imghax mid-29 ta’ Marzu 2000 u bl-ispejjes ta’ zewg ittri interpellatorji kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn huma eccepew li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Sema’ x-xhieda tal-atturi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

Ikkunsidra:

Illi fid-29 ta’ Marzu 2000 il-partijiet iffirmaw konvenju (a fol.15) fejn il-konvenuti obbligaw ruhhom li jitrasferixxu u jbieghu lill-atturi u l-istess atturi obbligaw ruhhom li jixtru garage numru 2, f' B’Kara Road, San Gwann. L-atturi hallllsu depozitu ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00). Wahda mill-kundizzjonijiet imsemmija f’din l-iskrittura tad-29 ta’ Marzu 2000 kienet li l-atturi jottjenu *loan facility* mill-Bank of Valletta plc sabiex ihallsu parti mill-prezz miftiehem (vide klawzola 7 tal-konvenju).

Illi l-atturi esebew ittra datata 10 ta’ Gunju 2000 (a fol. 16) fejn il-Bank of Valletta plc infurmathom li l-applikazzjoni taghhom ghall- *loan facility* kienet giet rifjutata. L-atturi xehdu li huma infurmaw lill-konvenuti diersi drabi dwar dan il-fatt u nterpellawom jirrifondu d-depozitu ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) izda l-konvenuti naqsu milli jirrifondu dan l-ammont ghaliex sostnew li kellhom problemi finanzjarji.

Illi l-atturi esebew ukoll ittra mibghuta lilhom minghand l-avukat difensur tal-konvenuti ( a fol. 3 tal-process) fejn huma gew infurmati li l-konvenuti kienu qeghdin jaccettaw li l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) kien dovut minnhom izda talbu l-fakulta’ li jhallsu l-ammont mitlub f’pagamenti rateali.

Illi ghalkemm prezentaw risposta, l-konvenuti naqsu milli jidhru quddiem dan it-Tribunal sabiex jissostanzjaw l-ecceccjonijiet minnhom sollevati.

Illi min-naha l-ohra l-atturi rnexxielhom jippruvaw soddisfacentement l l-ammont mitlub minnhom ghadu dovut.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ll-atturi s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu nterament mill-konvenuti skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**